MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 128/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur K. Farrugia)**

**Vs**
Saviour Cachia

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**

**1. ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni KRS100 tal-mudell Citroen C3, ghad-dannu ta' Christine Judie Borg, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**2. ikkommetta serq ta' apparat tal-Hi Fi (CD player) minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni KRS100, ghad-dannu ta' Christine Judie Borg, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 267, 270 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**3. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, (vettura KRS 100) ghad-dannu ta' Christine-Judie Borg, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**4. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga (vettura KRS 100) u dan ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**5. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, r-residenza bl-isem ta' 'Diamantina', Nru 47, Triq l-Ingilterra, Naxxar ghad-dannu ta' Raymond Zarb, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin imma mhux aktar minn hames mitt lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**6. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga (parapett tar-residenza 'Diamantina', Nru 47, Triq l-Ingilterra, Naxxar) u dan ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**7. Saq vettura b'numru tar-registrazzjoni KRS 100 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**8. Saq vettura b'numru tar-registrazzjoni KRS 100, b'manjiera perikoluza w traskurata w dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta'**

**htija tissospendi lil Saviour Cachia milli jzomm kwalunkwe xorta ta' licenzja tas-sewqan.**

**9. Talli wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, nstab fil-pussess tieghu oggetti ohra (balaclava), li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu u talli nstabu wkoll ghandu mfietah, imqabllin jew iffalsifikati, tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta kont sodifacenti ghal-liema skop legittimu nstabu ghandu f'dan iz-zmien u dan ai termini tal-Artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**10. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC717 u PC476 waqt li kienu qed jaqghdu d-doveri taghhom jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li-qadi ta' dmirijiethom u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**11. Gera' bil-qawwi fit-triqat jew pjazez, b'perikolu li jahbat ma' xi hadd u jwegghu u dan ai termini tal-Artikolu 338(cc) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**12. Talli kiser il-kundizzjonijiet ta' Artikolu 5 tal-att XII tal-1957 meta kien gie misjub hati ta' reat u kien gie mehlus taht is-supervizzjoni ta' Probation Officer.**

**13. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula w dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 t'April, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(b)(g), 263, 267, 271(g), 278, 279, 280, 325, 328, 287, 338(ee), 338(cc), 49 u 50 tal-Kap. 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 10 tal-Kap. 152 (illum Artikolu 21 tal-Kap. 446), kif ukoll l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal tlett snin prigunerija li minnhom ghandhu jitnaqqas kull perjodu ta' zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 t'April, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fil-parti tal-htija, tirrevokaha w thassaraha unikament f'dik il-parti fejn ikundannat lill-appellant ghall-piena ta' tlett snin prigunerija w minflok tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant hu li l-Ewwel Qorti tat piena mhux gusta w ekwa ghall-kaz odjern fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li gejjin :- 1. li l-appellant per mezz ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Saviour Cachia" tas-6 t' Ottubru, 2004, kien gja misjub hati ta' ksur ta' dak provvdut fl-Att XII tal-1957 u gie punit ghalih skond il-ligi.; 2. li l-Ewwel Qorti kellha taghti aktar konsiderazzjoni ghall-ammissjoni kontinwa w li saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri ; 3. li l-appellant huwa guvni ta' 24 sena w , ghalkemm ghandu fedina penali assolutament mhux netta, l-movent ewlieni tar-reat tieghu hu kostantement il-bzonn li hu jhoss li jipprokura l-flus biex jissodisfa l-problema tad-droga illi hu ghandu. Sfortunatament il-programmi li hu ghamel fil-habs biex jinfatam mid-droga ma swewlu xejn. Illi pero' hu ghad ghandu tama fil-programm bl-isem ta' Sant' Anna .

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena ta' sitt snin prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti .**

**Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-**

**piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara**. "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.**

**Illi dwar l-ewwel aggravju , kif lejalment jaqbel l-ufficjal prosekutur , dan hu gustifikat u ghalhekk qed jigi akkolt u dan necessarjament irid ikollu rifless fil-piena .**

**Ili dwar it-tieni aggravju li l-Ewwel Qorti jmissha tat aktar konsiderazzjoni ghall-ammissjoni bikrija tal-appellant jinghid li l-fatt li hu ammetta l-involviment tieghu f' dawn ir-reati ma jehilsux awtomatikament mill-kastig li timponi l-ligi. Apparti li l-Ewwel Qorti hadet il-fattur tal-ammissjoni ukoll in konsiderazzjoni, din il-Qorti tosserva li, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors tal-appell, l-ammissjoni tal-appellant ma kienetx ghal kollox wahda bikrija. Di fatti fil-waqt li meta hu tressaq quddiem l-Ewwel Qorti fis-26 ta' Settembru, 2004 kien wiegeb li mhux hati, kien biss fl-10 ta' Jannar, 2005, wara zewg rinviji, li hu rregistra ammissjoni.**

**Illi umbaghad kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL

PRACTICE **, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-**

“Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate “discount” has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that “something in the order of one-third would very often be an appropriate discount”, but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of ‘tactical plea’ , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii)

where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..” **(sottolinear ta’ din il-Qorti.)**

Illi meta wiehed iqis li ghar-reati ta’ diversi tipi ammessi minnu l-appellant seta’ wehel piena komplessiva li tissupera bil-ferm aktar it-tlitt snin prigunerija, jidher li l-Ewwel Qorti hadet dan il-fattur tal-ammissjoni w tatu l-piz li jixraqlu fic-cirkostanzi.

**Illi fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant umbaghad jghid li meta sehhew il-fatti nkriminanti hu kien guvni tal-eta’ ta’ erba w ghoxrin sena w li dak li kien qed jaghmel kien qed jaghmlu biss biex jiffinanzja l-vizzju tieghu tad-droga. Din il-Qorti pero’ diga’ kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar tali difizi w ma tistax taccetta li l-kommissjoni ta’ fatt li hu reat fih innifsu ( i.e. l-pussess ta’ droga projbita) jista’ jservi ta’ estenwanti jew attenwanti ghall-kommissjoni ta’ reati ohra, bhas-serq, eccetera. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint .**

**Ikkonsidrat;**

**Illi umbaghad dawn il-fatturi kollha gja ttiehdu in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti meta tat is-sentenza appellata w din, wara li rat il-fedina penali refrattarja tal-appellant, xorta waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kellu jigi sentenzjat ghall-piena karcerarja. Din il-Qorti hija tal-istess konvinzjoni. Di fatti mill-istess fedina penali aggornata tal-appellant jidher li, nonostante l-eta’ tieghu, hu gja nstab hati mill-Qrati hdax il-darba :- seba darbiet ta’ serq, darba ta’ gesti oxxeni fil-pubbliku, darba ta’ falsifikazzjoni ta’ dokumenti, darba ta’ pussess u ipprokurar ta’ drogi, u kif ukoll ta’ hsarat volontarji u reati ohra. Ghall-uhud minn dawn ir-reati hu gja ntbaghat il-habs erba darbiet u dan wara li kien gie liberat b’ kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor diversi drabi. Ghalhekk zgur li**

**mhux il-kaz li din il-Qorti tibdel il-piena ta' prigunerija effettiva f' xi sanzjoni jew mizura ohra.**

**Pero' in vista tal-fatt li l-ewwel aggravju hu gustifikat u li dan bil-fors ikun irid jigi rifless fil-piena, hemm lok ghal temperament fil-piena billi din timbidel f' wahda iqsar kif ser jintqal.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal tlitt snin prigunerija w minnflok tikkundannah ghal sentejn u disa' xhur prigunerija li minnhom ghandu jintnaqqas kull periodu ta' arrest preventiv in konnessjoni** BISS **ma din il-kawza u tikkonfermaha ghall-kumplament kollu taghha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------